# DAĦLA

Ħafna kittieba prolifiċi jistgħu jiġu ppreżentati l-aħjar b'ġabra ta' xogħlijiet magħżula tagħhom li twarrab xogħlijiet oħra li ma jilħqux il-livell tax-xogħlijiet ewlenin. Oliver Friggieri huwa sewwasew wieħed li joffri din il-possibbiltà. Huwa ma kitibx biss għadd kbir ta' poeżiji sa minn mindu kien tifel fis-snin ħamsin, iżda wkoll, u aktar, rumanzi, novelli, traduzzjonijiet mil-Latin, mit-Taljan u mill-Ingliż, saġġi fuq diversi suġġetti, u fuq kollox kritika letterarja.

U l-ġabra li tidher f'dan il-ktieb tinfirex fuq medda ta' sebgħa u għoxrin sena minn meta l-awtur kien għadu żagħżugħ ta' erbatax-il sena sa ma jasal għall-maturità poetika meta kiteb liriċi bħal *Mal-fanal hemm ħarstek tixgħel, Ħarstek vjola tkanta, Poeta, Se nifrex il-lejl fuqek.* Għalhekk jien nifhem li f'din il-ġabra, flimkien mal-poeżiji li juru l-iżvilupp stilistiku u tematiku, kellhom jidhru bi dritt l-aħjar poeżiji waqt li jitħallew barra oħrajn. Il-poeżiji ta' Oliver Friggieri jinstabu mxerrdin f'ħafna ġurnali u rivisti, f'Malta u f'diversi pajjiżi barranin, waqt li oħrajn ma ġewx ippubblikati, u qegħdin jidhru hawn għall-ewwel darba. Għażliet minnhom dehru fi **Dħaħen fl-Imħuħ** (1967), **Analiżi '70** (1970), **Mas-Sejħa tat-Tnabar** (1971), **Malta - The New Poetry** (1971), **Dwal fil-Persjani** (1972), **Poeżiji ta' Mħabba** (1981), ilkoll antoloġiji li jinkludu poeżiji ta' awturi oħrajn.

Din il-ġabra hi differenti mill-oħrajn għaliex tiġbor għażla essenzjali b'ordni kronoloġika tal-poeżiji mill-1961 sal-1988. Għalkemm wieħed m'għandux iqegħedhom f'kompartimenti, il-poeżiji jistgħu jitqassmu f'fażijiet jew f'burdati differenti għaliex jingħażlu minn xulxin f'dak li huwa stil u suġġett. Il-bidliet la jseħħu malajr u lanqas ma jinħassu minnufih b'mod ċar.

Jidher sewwa li hemm qbil bejn il-ħajja tal-poeta u x-xogħlijiet tiegħu. Għalhekk tajjeb li wieħed jagħti ħarsa lejn ħajtu fil-qosor. Twieled il-Furjana fis-27 ta' Marzu 1947. Studja fl-iskola tal-Gvern u wara fis-Seminarju Minuri u Maġġuri. It-tħejjija reliġjuża li ngħata sa minn kmieni tidher li ħalliet effetti kbar fuqu 'l quddiem. Huwa żżewweġ fl-1972, u bintu Sara tissemma f'għadd ta' liriċi. Bejn l-1968 u l-1976 huwa għallem il-Malti u l-Filosofija fl-iskejjel sekondarji tal-Gvern. Huwa studja l-Letteratura u l-Filosofija fl-Università ta' Malta (1964-1978) u għamel perjodu ta' studju fl-Università Kattolika ta' Milan (1977). Fl-1976 beda jgħallem fl-Università. Fost l-isbaħ eżempji tar-rabta bejn il-ħajja u l-poeżija, ta' min isemmi t-tliet eleġiji għal żewġ uliedu mejtin, *Pellegrin distratt, Ribell ġentili* u *Mur orqod, binti.*

L-awtur jirrifletti wkoll il-ġrajjiet tas-soċjetà tiegħu, bħalma jagħmel f'*Settembru 1964, F'Misraħ il-Parlament, Werqa fl-album ta' Karen, Il-blata tas-sekli, Minn fuq il-Golgota tiegħi.* Għalhekk, wieħed ikun jista' japprezza aktar il-mixja tal-ħajja kreattiva tal-poeta jekk isegwi l-poeżiji sena b'sena.

Ma kinitx ħaġa diffiċli ħafna għalija li niġbor il-poeżiji tal-perjodu msemmi f'ordni kronoloġika u nagħmel l-għażla tiegħi, għaliex ħafna minnhom huma datati u dejjem stajt nikkonsulta l-manuskritti jew l-ewwel pubblikazzjoni

tagħhom. Il-werrej jiġbor fih il-poeżiji kollha sena wara oħra; fejn kien possibbli, qegħdin jidhru fl-ordni li nkitbu minn ġurnata għal oħra u minn xahar għal ieħor; fejn dan ma kienx possibbli, poġġejthom fi tmiem il-lista tas-sena meta nkitbu.

Għażla tibqa' dejjem għażla, u ftit jew wisq tirrifletti l-kriterji u l-gosti ta' min jagħmilha. Nittama li l-għażla li għamilt tilħaq l-iskop tagħha, li turi l-mixja tal-poeta u toffri lill-qarrej ġabra rappreżentattiva u aktarx sħiħa għaliex tinkludi l-aħjar xogħlijiet tiegħu.

*TONI CORTIS*

*Is-7 ta' Ġunju 1988*

## Tiru għasafar

Bla ħsieb ta' xejn tittajru,
taħarbu 'l fuq, togħlew
u qatt ma tħabblu raskom
kemm jiem minn fuqkom ġrew.

Tilagħbu fuq is-siġar
u xxerrdu ferħanin
il-għana li ġo qalbkom
sawrilkom il-Bambin.

Il-leħen kiebi tagħkom
mal-ġmiel qasir tal-ward
inessi fija n-niket
li jkaxkar ħajti fl-art.

Ittajru ħbieb. Dewquni
mill-morr l-ewwel ħlewwiet.
Imbagħad aħarbu. Ħallu
l-infern taħt is-smewwiet.

**Lil Malta rebbieħa**

Liema jum aktar sbejjaħ u dawli
qatt se jżernaq fil-mixja tas-snin
minn tal-lum, jum ir-rebħa Maltija
l'hi minsuġa bid-demm tal-Maltin?

Bir-rand Malti mad-dawra ta' rasek
li xarrabtu bid-demm fit-taqbid,
u bl-azzar li jrid jixhed qlubitek,
qum ja Malta b'qawwiet tal-ħadid.

Għolli leħnek u xandar mad-dinja
il-qlubija li wrejt fuq l-iswar,
uri l-qawwa li trawmet fi wliedek
biex raw ġieħek imgħolli mal-kbar.

Itfa' x-xrara ta' ħarstek rebbieħa
fuq l-iswar ħiemda jħammru bid-demm,
tbissem hienja lill-iġsma maqtula
għax iġġieldu rebbieħa fil-hemm.

Għolli 'l fuq il-bandiera Maltija
biex tingħata kif jixraq kull ġieħ,
għax dik kienet li perpret qalbiena
f'għajnejn l-għadu fil-jiem tat-taqtigħ.

Ebda kelma ja Malta ma tfisser
xi nħoss f'qalbi għall-kbar qalbenin
li kull qatra ta' demmhom ċarċruha
biex isaltan rebbieħ it-Twemmin.